# Drittijiet. Rispett. Fiduċja.

Proġett tal-Gvern ta' Victoria dwar il-Prevenzjoni tal-Abbuż tal-Anzjani



## Abbuż tal-Anzjani – flimkien, nistgħu nwaqqfuh

Nies anzjani għandhom id-dritt – bħal kull persuna oħra – li jgħixu salvi u li jkunu ttrattati b'dinjità u b'rispett.

Fil-biċċa l-kbira tal-każi, dan huwa eżattament dak li jiġri. Studji ikkalkulaw li bejn 1 u 5 fil-mija tal-anzjani jesperjenzaw xi forma ta' abbuz jew abbandun u dan huwa totalment inaċċettabbli.

Jekk qed tkun abbużat/a, m'għandekx tħossok li ma tista' tagħmel xejn. Flimkien, nistgħu nwaqqfuh.

## X'inhu abbuż tal-anzjani?

Abbuż tal-anzjani huwa kull att li jagħmel ħsara lill-anzjani u li jsir minn xi ħadd li l-anzjani jkunu jafu u li jkunu jistgħu jafdaw, bħall-familja jew ħbieb.

Dan l-abbuż jista' jkun fiżiku imma jista' jkun abbuż ukoll jekk xi ħadd:

- jagħmel pressjoni fuqek biex tagħtih flus jew jisfurzak biex tiffirma affarijiet li inti ma tifhimx
- jieħu kontroll tal-flus tiegħek, propjetà jew possessjonijiet oħra
- jheddek, jintimidak jew jumiljak
- jirrifjuta li jħallik toħroġ u tagħmel affarijiet jew li tikkuntattja l-ħbieb tiegħek, membri tal-familja jew servizzi ta' sapport
- ma jagħtikx ikel xieraq, ilbies jew kura personali meta suppost.

## Min huwa responsabbli li jwaqqaf l-abbuż tal-anzjani?

Kulħadd għandu jkun jaf bl-abbuż tal-anzjani, u li nistgħu nagħmlu xi ħaġa dwaru.

Li jingħeleb l-abbuż tal-anzjani hija responsabbilità bejn kulħadd – gvern, provdituri ta' servizz u l-komunità jaħdmu flimkien.

Il-Gvern ta' Victoria qed jindirizza l-abbuż tal-anzjani fil-komunità tagħna permezz tal-Istrateġija ta' Prevenzjoni tal-Abbuż tal-Anzjani.

L-istrateġija qed tgħin lill-anzjani f'Victoria b'servizzi ta' edukazzjoni, servizzi legali, servizzi ta' rappreżentanza u servizzi oħra ta' sapport u tipprovdi taħrig għal dawk li jipprovdu servizz.

## Fejn tista' tikseb għajnuna

Jista' jkun diffiċli li tkun taf x'inhu abbuż, speċjalment meta l-persuna responsabbli tkun xi ħadd li taf u li suppost tkun tafda.

Tista' tħossok tistħi jew tibża' li titkellem dwar dawn l-affarijiet għax is-sitwazzjoni tmur għall-agħar.

Jekk xi ħaġa ma tidhirx sewwa imma m'intix ċert, jekk jogħġbok tkellem dwarha.

Tista' tikkuntattja lis-Seniors Rights Victoria, servizz ta' telefon u pariri b'xejn u konfidenzjali mal-istat kollu li għandu fondi mill-Gvern ta' Victoria.

Seniors Rights Victoria jgħinek twaqqaf l-abbuż tal-anzjani u jipproteġi d-drittijiet tal-anzjani f'Victoria billi jipprovdi:

- linja ta' għajnuna għal informazzjoni u riferiment
- rappreżentazzjoni u sapport
- pariri legali
- edukazzjoni komunitarja u professjonali.

A Victorian Government initiative

Victoria The Place To Be

MALTESE



### Tista' tikkuntattja Seniors Rights Victoria fuq 1300 368 821 mill-10am sal-5pm mit-Tnejn sal-Ġimgħa.

Anzjani jistgħu jirreferu lilhom infushom jew ikunu riferuti minn povdituri tas-servizz, familja jew ħbieb.

Online: **www.cotavic.org.au/seniors_rights_victoria**

**F'emerġenza, ċempel ċempel 000 għall-għajnuna.**

## Agħmel id-deċiżjonijiet tiegħek stess

Tkun issapportjat/a biex tagħmel id-deċiżjonijiet infurmati tiegħek.

Ippjanar għall-futur:

- Passi li tista' tieħu jinkludu:
- titkellem dwar problemi u dak li jħassbek mal-familja, ħbieb, nies oħra li tafda jew Seniors Rights Victoria.

## Aktar informazzjoni

Għal aktar informazzjoni dwar azzjoni li l-Gvern ta' Victoria qed jieħu biex iwaqqaf l-abbuż tal-anzjani, ara **www.seniors.vic.gov.au**